

32005D0779

L 293/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

9.11.2005

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Novembru 2005

dwar miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali kontra l-marda vesikulari tal-ħnieżer fl-Italja

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4273)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/779/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-għan li jitlesta s-suq intern <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Irriżultaw tifqigħat tal-marda vesikulari tal-ħnieżer f'ċerti reġjuni ta' l-Italja.
- (2) L-Italja ħadet miżuri sabiex tiffaċċja t-tifqigħat skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vesikulari tal-ħnieżer <sup>(2)</sup>.
- (3) L-Italja ħadet ukoll miżuri addizzjonali għall-qerda u l-monitoraġġ tal-marda vesikulari tal-ħnieżer li jkopru l-Italja kollha kemm hi. Dawn il-miżuri jinsabu fil-programmi annwali għall-qerda u l-monitoraġġ tal-marda vesikulari tal-ħnieżer ippreżentati mill-Italja u approvati skond l-Artikolu 24(6) u l-Artikoli 29 u 32 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju <sup>(3)</sup>.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/840/KE tat-30 ta' Novembru 2004, li tapprova programmi għall-qerda u l-monitoraġġ ta' ċertu mard ta' l-annimali u għal kontrolli mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żoonosi ppreżentati mill-Istati Membri għas-sena 2005 u li tistabbilixxi l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità <sup>(4)</sup>, approvat il-programm għall-qerda u l-monitoraġġ tal-marda vesikulari tal-ħnieżer ippreżentat mill-Italja għall-2005.
- (5) Il-miżuri stabbiliti fil-programmi annwali għall-qerda u l-monitoraġġ tal-marda vesikulari tal-ħnieżer huma maħsuba li jirrikonoxxu stabbilimenti tal-ħnieżer bħala ħielsa

mill-marda vesikulari tal-ħnieżer u sabiex jiżguraw li r-reġjuni kollha ta' l-Italja jiksbu dak l-istatus. Il-programmi jinkludu wkoll regoli dwar il-moviment ta' u l-kummerċ fi ħnieżer ħajjin minn reġjuni u stabbilimenti li mhumiex ta' l-istess status fir-rigward tal-marda vesikulari tal-ħnieżer.

- (6) Il-maġġoranza tar-reġjuni ta' l-Italja bl-eċċezzjoni ta' l-Abruzzi, il-Kampanja, il-Kalabrija u Sqallija ġew rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer wara r-riżultati favorevoli ta' kkampjunar u ttestjar ripetut ta' ħnieżer fl-istabbilimenti kollha taħt il-programmi annwali għall-qerda u l-monitoraġġ.
- (7) Madankollu, minħabba n-natura tal-marda u l-persistenza tagħha f'ċerti reġjuni ta' l-Italja, is-sorveljanza għad-detezzjoni tal-marda vesikulari tal-ħnieżer minn kmieni, għandha tibqa' kif inhi f'reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer.
- (8) Is-sitwazzjoni tal-marda f'reġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer tista' wkoll tipperikola stabbilimenti tal-ħnieżer f'reġjuni oħra fl-Italja permezz tal-kummerċ fil-ħnieżer ħajjin. Il-ħnieżer għalhekk m'għandhomx jiġu mċaqalqin minn reġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għal reġjuni oħra fl-Italja sakemm ma joriġinawx minn stabbilimenti li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet.
- (9) Ħnieżer f'reġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer m'għandhom jintbagħtu lejn Stati Membri oħra. Ħnieżer f'reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għandhom jintbagħtu biss minn stabbilimenti rikonoxxuti bħala ħielsa minn dik il-marda.
- (10) Ir-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE. Huwa xieraq li tiġi stabbilita definizzjoni għal "ċentru ta' assemblaġġ għall-ħnieżer" differenti minn dik stabbilita fid-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali bovini u suwini <sup>(5)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

<sup>(2)</sup> ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69. Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru. 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru. 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

<sup>(4)</sup> ĠU L 361, 8.12.2004, p. 41.

<sup>(5)</sup> ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

- (11) Għal skopijiet ta' trasparenza, għandhom jiġu stabbiliti regoli fuq il-livell Komunitarju dwar l-istatus ta' stabbilimenti tal-ħnieżer u reġjuni fir-rigward tal-marda vesikulari tal-ħnieżer u movimenti ta' u kummerċ intra-Komunitarju fil-ħnieżer ħajjin minn stabbilimenti u reġjuni bi status differenti ta' mard.
- (12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### KAPITOLU I

### IS-SUĠĠETT, L-AMBITU U D-DEFINIZZJONIJET

#### Artikolu 1

#### Suġġett u ambitu

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli dwar is-saħħa ta' l-animali fir-rigward tal-marda vesikulari tal-ħnieżer għal reġjuni ta' l-Italja li huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer u għal reġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa minn dik il-marda.

#### Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni:

- id-definizzjonijiet fid-Direttiva 92/119/KEE għandhom japplikaw;
- "ċentru ta' assemblaġġ għall-ħnieżer" ifisser l-istabbiliment ta' kummerċjant li lejha u li minnu ħnieżer akkwistati jiġu mċaqilqa regolarment fi żmien 30 jum mill-akkwist.

#### KAPITOLU II

### RIKONOXXIMENT TA' REĠJUNI U STABILIMENTI FL-ITALJA BĦALA ĦIELSA MILL-MARDA VESIKULARI TAL-ĦNIEŻER

#### Artikolu 3

#### Rikonoxximent tar-reġjuni

- Ir-reġjuni ta' l-Italja elenkati fl-Anness I huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer.
- Ir-reġjuni ta' l-Italja elenkati fl-Anness II m'humiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer.

#### Artikolu 4

#### Rikonoxximent ta' l-istabbilimenti

- L-Italja għandha tiżgura li l-paragrafi 2 sa 6 jiġu rispettati.
- F'reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer, stabbiliment tal-ħnieżer għandu jiġi rikonoxxut bħala ħieles minn dik il-marda jekk:
  - f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' 28 sa 40 jum, kampjunar għal testijiet sjeroloġiċi twestaq fuq numru għoli biżżejjed ta' ħnieżer għat-tgħammir sabiex tinsab prevalenza tal-marda vesikulari tal-ħnieżer ta' 5 % b'intervall ta' kunfidenza ta' 95 % u r-riżultati kienu negattivi, u
  - fejn l-ebda ħnieżer għat-tgħammir ma jinżammu fi stabbilimenti f'reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer, kull ħanżir li jiġi mċaqilqa għal stabbilimenti bħal dawn joriġina minn stabbilimenti li huma rikonoxxuti bħala ħielsa minn dik il-marda.
- F'reġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer, stabbiliment tal-ħnieżer għandu jiġi rikonoxxut bħala ħieles minn dik il-marda jekk f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' 28 sa 40 jum, kampjunar għal testijiet sjeroloġiċi twestaq fuq numru għoli biżżejjed ta' ħnieżer sabiex tinsab prevalenza tal-marda vesikulari tal-ħnieżer ta' 5 % b'intervall ta' kunfidenza ta' 95 % u r-riżultati kienu negattivi,
- Stabbiliment tal-ħnieżer rikonoxxut bħala ħieles mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għandu jżomm dak l-istatus jekk:
  - il-proċeduri ta' kkampjunar u ta' ċekkjar jitwettqu skond l-Artikolu 5 (1) u l-Artikolu 6 u r-riżultati jkunu negattivi, u
  - il-ħnieżer li jiġu mċaqilqa lejn stabbiliment bħal dan joriġinaw minn stabbilimenti li huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer.
- Ir-rikonoxximent ta' stabbiliment bħala ħieles mill-marda vesikulari tal-ħnieżer:
  - għandu jiġi sospiż fejn jirriżulta u jiġi kkonfermat, permezz ta' investigazzjonijiet ulterjuri, kwalunkwe każ sjeropożitiv, sakemm il-ħanżir ikkonċernat jinqatel taħt superviżjoni uffiċjali, jew
  - għandu jiġi rtirat fejn żewġ każijiet sjeropożitivi jew aktar jirriżultaw.

6. Stabbiliment tal-ħnieżer għandu jiġi rikonoxxut għal darb'oħra bħala ħieles mill-marda vesikulari tal-ħnieżer jekk il-proċeduri ta' kkampjunar u ċċekkjar stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 3, skond il-każ, ikunu trettqu u r-riżultati jkunu negattivi.

### KAPITOLU III

#### SORVELJANZA

##### Artikolu 5

#### Sorveljanza freġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer

1. L-Italja għandha tiżgura li l-proċeduri ta' kkampjunar u ċċekkjar sabiex tinsab il-marda vesikulari tal-ħnieżer jitwettqu hekk kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3 freġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa minn dik il-marda.

2. Fi stabbilimenti fejn jinżammu aktar minn żewġ ħnieżer għat-tgħammir, l-ikkampjunar għall-ittestjar sjeroloġiku għandu jitwettaq fl-intervalli li ġejjin fuq kampjun mhux meħud sistematikament ta' 12-il ħanżir għat-tgħammir jew fuq il-ħnieżer kollha għat-tgħammir fejn hemm anqas minn 12-il ħanżir għat-tgħammir fl-istabbiliment.

a) darba fis-sena fejn l-istabbiliment fil-parti l-kbira jipproduċi ħnieżer għall-qatla,

b) darbtejn fis-sena f'każijiet oħra.

3. F'ċentri ta' assemblaġġ għall-ħnieżer, l-ikkampjunar tal-ħmieġ għat-testjar viroloġiku għandu jitwettaq f'intervalli ta' xahar f'kull stalla li fiha s-soltu jinżammu l-ħnieżer.

##### Artikolu 6

#### Sorveljanza freġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer

1. L-Italja għandha tiżgura li l-proċeduri ta' kkampjunar u ċċekkjar sabiex tinsab il-marda vesikulari tal-ħnieżer jitwettqu hekk kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3 freġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa minn dik il-marda.

2. Fi stabbilimenti rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer fejn ħnieżer għat-tgħammir jinżammu u f'ċentri ta' assemblaġġ għall-ħnieżer, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 għandhom jinżammu.

3. Fi stabbilimenti rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer fejn ma jinżammu l-ebda ħnieżer għat-tgħammir, l-ikkampjunar għall-ittestjar sjeroloġiku għandu jitwettaq darbtejn fis-sena fuq kampjun mhux meħud sistematikament ta' 12-il ħanżir għat-tgħammir jew fuq il-ħnieżer kollha għat-tgħammir fejn hemm anqas minn 12-il ħanżir fl-istabbiliment. L-ikkampjunar tal-ħnieżer fi stabbiliment jista', madankollu, iseħħ fil-biċċerija fil-ħin tal-qatla.

### KAPITOLU IV

#### IL-MOVIMENT TA' HNEIŻER ĦAJJIN FL-ITALJA U LEJN STATI MEMBRI OĦRA

### TAQSIMA I

#### Moviment fl-italja

##### Artikolu 7

#### Miżuri fir-rigward tal-moviment ta' ħnieżer ħajjin fl-Italja

1. L-Italja għandha tiżgura li l-paragrafi 2, 3 u 4 jiġu rispettati għall-moviment ta' ħnieżer ħajjin fl-Italja.

2. Meta ħnieżer li jiġu minn stabbilimenti li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer jiġu mċaqalqin lejn biċċerija għall-qatla, għandu jitwettaq kampjunar sjeroloġiku fuq numru ta' ħnieżer li hu kbir biżżejjed li tista' tinsab prevalenza tal-marda vesikulari tal-ħnieżer ta' 5 % b'intervall ta' kunfidenza 95 %.

3. Iċ-ċaqliq ta' ħnieżer minn stabbilimenti li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għal stabbiliment oħra huwa pprojbit.

4. Iċ-ċaqliq ta' ħnieżer minn stabbilimenti li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għal reġjuni oħra ta' l-Italja huwa pprojbit.

##### Artikolu 8

#### Derogi u kundizzjonijiet

B'deroga mill-Artikolu 7(4), l-awtoritajiet Taljani jistgħu jawtorizzaw iċ-ċaqliq ta' ħnieżer minn stabbilimenti freġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għal reġjuni oħra fl-Italja bil-kundizzjoni li:

a) l-istabbiliment ta' l-oriġni ġie rikonoxxut bħala ħieles mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għall-inqas għal sentejn mingħajr interruzzjoni;

b) fis-60 jum qabel iċ-ċaqliq, l-istabbiliment ta' l-oriġni ma kienx jinsab f'żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza wara tifqigħa tal-marda vesikulari tal-ħnieżer;

c) l-ebda ħanżir ma ġie introdott fl-istabbiliment ta' l-oriġni fit-12-il xahar qabel il-moviment minn stabbilimenti fejn kienet suspettata l-marda vesikulari tal-ħnieżer;

- d) ħnieżer fl-istabbiliment ta' l-oriġni jiġu kkampjunati bejn 20 u 30 jum qabel iċ-ċaqliq u l-ittestjar sjeroloġiku jitwettaq fuq numru kbir biżżejjed ta' ħnieżer sabiex ikun possibbli li tinsab prevalenza ta' 5 % tal-marda vesikulari tal-ħnieżer b'intervall ta' kunfidenza ta' 95 %;
- e) ħnieżer fl-istabbiliment tad-destinazzjoni jiġu kkampjunati għall-inqas 28 jum qabel iċ-ċaqliq u l-ittestjar sjeroloġiku jitwettaq fuq numru kbir biżżejjed ta' ħnieżer sabiex ikun possibbli li tinsab prevalenza ta' 5 % tal-marda vesikulari tal-ħnieżer b'intervall ta' kunfidenza ta' 95%; Ma jistgħux jiġu mċaqaqin ħnieżer mill-istabbiliment tad-destinazzjoni sakemm ma jkunx sar l-ittestjar u r-riżultati jorhorgu negattivi.
- f) l-annimali mċaqaqin jiġu ttrasportati f'vetturi ssiġillati taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet;
- g) iċ-ċaqliq tal-ħnieżer jiġi nnotifikat għall-inqas 48 siegħa minn qabel lill-awtorità veterinarja lokali responsabbli għall-istabbiliment tad-destinazzjoni;
- h) il-vevaturi użati għall-ġarr tal-ħnieżer jitnaddfu u jiġu diżinfettati taħt sorveljanza uffiċjali qabel wara iċ-ċaqliq.

#### TAQSIMA II

### Ċaqliq intra-komunitarju

#### Artikolu 9

#### It-tluq ta' ħnieżer ħajjin mill-Italja lejn Stati Membri oħra

1. L-Italja għandha tiżgura li l-paragrafi 2 u 3 jiġu rispettati.
2. It-tluq ta' ħnieżer minn reġjuni li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer għal Stati Membri oħra huwa pprojbit.
3. Ħnieżer mibgħuta minn reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer lejn Stati Membri oħra għandhom joriġinaw minn stabbilimenti rikonoxxuti bħala ħielsa minn dik il-marda.

#### Artikolu 10

### Obbligu fir-rigward ta' ċertifikazzjoni

L-Italja għandha tiżgura li ċertifikati tas-saħħa kif previsti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 64/432/KEE li jakkumpanjaw ħnieżer mibgħuta mill-Italja lejn Stati Membri oħra skond l-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni jiġu approvati bil-kliem li ġej:

“Annimali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/779/KE dwar miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali kontra l-marda vesikulari tal-ħnieżer fl-Italja”.

#### KAPITOLU V

### OBBLIGU TA' KOMUNIKAZZJONI

#### Artikolu 11

### Komunikazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri

L-awtoritajiet Taljani għandhom iressqu kull informazzjoni rilevanti dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kull sitt xhur permezz tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

#### KAPITOLU VI

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

#### Artikolu 12

### Destinatarij

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-8 ta' Novembru 2005.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX I

**Reġjuni rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer**

Ir-Reġjuni ta':

- Il-Basilikata
- L-Emilja-Romanja
- Il-Friuli-Venezia Giulia
- Il-Lazio
- Il-Ligurja
- Il-Lombardija
- Il-Marke
- Il-Moliże
- Il-Pjedmont
- L-Apulja
- Sardinja
- It-Toskana
- Trentino-Alto Adige
- L-Umbrija
- Valle d'Aosta
- Il-Veneto.

## ANNEX II

**Reġjuni ta' l-Italja li mhumiex rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda vesikulari tal-ħnieżer**

Ir-Reġjuni ta':

- l-Abruzzi
- il-Kampanja
- il-Kalabrija
- Sqallija.